**TRIBUNAL GHAL TALBIET ŻGHAR**

**MALTA**

**ĠUDIKATUR**

**DR. ANNA MALLIA**

**Seduta tal-25 ta' Novembru, 2016**

**Talba numru: 303/2016AM3**
**Lista Numru: 57**

**Vodafone Malta Limited (C10865)**
**Skyparks Business Centre,**
**Malta International Airport,**
**Luqa**

**Vs**

**Hayley Ann Sghendo (K.I.156509L)**
**Michele Court, Flat 2,**
**Triq l-Orsolini,**
**Tal-Pieta**

It-Tribunal,

Ra l-Avviż tat-talba fl-ismijiet premessi, ippreżentat fit-02 ta' Awwissu, 2016 li permezz tieghu s-Socjeta' attrici talbet il-hlas minghand il-konvenuta fl-ammont ta' seba' mija u tnejn u disghin ewro u ghoxrin centezmu (€792.20c) ghas-servizzi u prodotti provdui mis-

Socjeta’ attrici lill-konvenuta a bazi tat-tariffa Smartphone 35 referribbli ghal kont bin-numru 1. 1098612.

Ra li mill-atti jirriżulta li l-konvenuta giet debitament notifikat kemm bl-Avviż tat-Talba u wkoll bl-Avviż tas-Seduta, dehret fis-seduta tad-19 ta’ Ottubru, 2016 u ammettiet it-talba.

Ra l-affidavit ta’ Dr Jeremy Debono in rapprezentanza tas-Socjeta’ attrici li permezz tieghu xehed li l-ammont ghadu dovut.

Ra l-verbal tas-seduta tat-18 ta’ Novembru, 2016 li permezz tieghu l-partijiet qablu li l-kawza ghandha tithalla ghas-sentenza b’dan li l-pagamenti li ser taghmel il-konvenuta huma dawk ta’ mitt ewro (€100) fix-xahar.

Għaldaqstant, peress li t-talba tas-Socjeta’ attrici tirriiżulta sodisfaċentement ippruvata, it-Tribunal jilqa` t-talba tas-Socjeta attrici u jikkundanna lil konvenuta thallas lis-Socjeta’ attrici s-somma ta’ seba’ mija u tnejn u disghin ewro u ghoxrin centezmu (€792.20c) b’dan li tali pagament ghandu jkun b’rati mensili ta’ mitt ewro (€100) fix-xahar u in vista tac-cirkostanzi tal-kaz, l-imghaxijiet jibdew jiddekorru mid-data ta’ meta l-ammont sar dovut, kemm-il darba l-konvenuta tkun moruza f’xi pagament l-ammont rimanenti ( i.e. il-bilanc rimanenti) isir dovut kollhu kemm hu immedjetament.

L-ispejjeż huma a kariku tal-konvenuta.

**Av. Anna Mallia**
**Ġudikatur**